



28.3.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar id-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea
(2016/2271(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marju Lauristin

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi s-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) bħalissa jimpjega sitt miljun ruħ fl-Ewropa; billi 40 % tal-ħaddiema Ewropej m'għandhomx biżżejjed ħliet diġitali u jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fit-tagħlim tul il-ħajja; billi jeħtieġ li s-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ jiġu aġġustati u msaħħa aktar biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol diġitali;
- B. billi teżisti disparità kbira bejn is-sessi fir-rigward tal-impjieg u t-taħriġ fis-settur tal-ICT, b'implikazzjonijiet negattivi qawwija għall-ugwaljanza fis-suq tax-xogħol;
- C. billi d-diġitalizzazzjoni tal-industrija tippenetra sew fil-partijiet kollha tas-settur, u b'hekk iżżid il-kompetittività tiegħu permezz tal-produzzjoni innovattiva u sostenibbli tal-oġġetti u s-servizzi, tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku u toħloq l-impjiegi u l-prosperità, iżda għib ukoll sfidi li jirrikjedu l-involviment attiv tas-sħab soċjali u l-awtoritajiet pubbliċi bil-għan li ssir tranżizzjoni diġitali ġusta;
- D. billi l-piż relattiv tal-valur miżjud u tal-impjieg industrijali ilu jonqos għal għexieren ta' snin, u dan ikkontribwixxa għal żbilanċi ekonomiċi u f'xi każijiet kellu effetti negattivi fuq il-koeżjoni soċjali u reġjonali;
- E. billi d-diġitalizzazzjoni tista' twassal għal relazzjonijiet ta' netwerking ġodda bejn nies, gruppi, magni u sistemi, u b'hekk toħloq sinerġiji bejn il-kreattività umana u l-intelliġenza artifiċjali;
- F. billi medja ta' 9 % tal-impjiegi huma friskju għoli li jiġu awtomatizzati, filwaqt li għal 25 % oħra tal-impjiegi, nofs il-kompiti se jinbidlu b'mod sinifikanti b'riżultat tal-awtomatizzazzjoni;
- G. billi, skont il-Kummissjoni, id-domanda għal ħaddiema diġitali bi kwalifiki għoljin qed tkompli tikber u, jekk ma jittiħdux miżuri adegwati, jista' jkun hemm sa 756 000 post battal sal-2020, u b'hekk jiġu pperikolati t-tkabbir u l-kompetittività Ewropej; billi s-sistemi preżenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jiġu riveduti, meta jkun meħtieġ, sabiex jaqdu aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol diġitali u jżidu l-livelli tal-impjiegi;
- H. billi l-aġġustamenti għall-iżviluppi tekniċi u t-tibdil li jirriżulta fid-dinja tax-xogħol jirrappreżentaw kompitu kontinwu li l-impriżi, it-trade unions u l-leġiżlaturi se jibqgħu jaħdmu fuqu għal żmien twil; billi waħda mill-isfidi ewlenin se tkun li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ isiru konformi mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol diġitali u li jiġi żgurat li d-diġitalizzazzjoni tal-industrija tibqa' komplementari għax-xogħol tal-bniedem;
- I. Jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni tal-industrija tirrappreżenta sfidi u opportunitajiet kbar, kemm f'termini tal-ħolqien u tat-telf ta' impjiegi kif ukoll fl-organizzazzjoni tax-xogħol; jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni tal-industrija teħtieġ reazzjonijiet immirati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, rigward il-politiki tal-impjieg, tal-edukazzjoni, tat-tassazzjoni u dawk soċjali, it-tisħiħ tan-negozjar kollettiv,

kif ukoll il-forniment ta' infrastruttura aġġornata; jissottolinja li d-diġitalizzazzjoni tal-industrija għandha tissawwar b'mod li tikkontribwixxi għal titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;

2. Jirrimarka li forom ġodda ta' xogħol ibbażati fuq id-diġitalizzazzjoni spiss jifirdu l-post tax-xogħol mill-intrapriża, u dan johlq sfida rigward il-liġi tax-xogħol applikabbli, il-protezzjoni tax-xogħol u l-ftehimiet kollettivi, inkluż il-prinċipju ta' trattament ugwali fl-istess post tax-xogħol; huwa mħasseb dwar iż-żieda tax-xogħol prekarju fil-qasam industrijali, inklużi l-impjiegi indipendenti fittizji u l-kuntratti abbużivi "żero sigħat"; jenfasizza li l-protezzjoni tal-ħaddiema trid tkun żgurata bl-istess mod fl-oqsma kollha fis-suq tax-xogħol diġitali;
3. Jinnota d-differenzi reġjonali qawwija fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-industrija, li għandhom konsegwenzi għall-impjiegi, il-produttività u t-tkabbir, b'mod partikolari għall-SMEs; jinnota li m'hemmx biss qasma reġjonali iżda anke qasma soċjali fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni, kif ukoll differenzi bejn l-intrapriżi; għalhekk, jitlob li jiżiedu l-isforzi fl-iżvilupp ta' infrastrutturi diġitali inklużivi, inkluż l-aċċess għall-broadband, u fl-appoġġ lill-SMEs, b'mod partikolari fir-reġjuni li għadhom lura; jistieden lill-Unjoni tappoġġja l-investimenti fl-infrastruttura diġitali u tagħmel użu aħjar mill-fondi Ewropej f'dan ir-rigward; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi promoss l-aċċess universali għall-internet, anke għall-gruppi żvantaġġati u għall-persuni li jgħixu f'żoni rurali;
4. Iqis l-innovazzjoni diġitali pubblika u l-istandards miftuħa bħala mod kif tingħeleb il-konċentrazzjoni tal-għarfien diġitali fi ftit kumpaniji industrijali, u b'hekk jippromwovu l-iżvilupp diġitali bilanċjat fl-Istati Membri kollha;
5. Jenfasizza l-importanza tan-netwerking u l-kooperazzjoni tal-inizjattivi ta' diġitalizzazzjoni nazzjonali diġà stabbiliti bħal Industrie 4.0, u jitlob li jsiru aktar sforzi biex jiġu appoġġjati r-reġjuni u s-setturi li bħalissa għadhom lura sabiex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, u tiġi promossa koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali msaħħa; jenfasizza l-potenzjal taċ-ċentri ta' kompetenza diġitali biex jappoġġjaw id-diġitalizzazzjoni tal-industrija, iqawwu l-kompetittività ta' kumpaniji eżistenti u jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' kumpaniji ġodda;
6. Jirrimarka li t-trasformazzjoni diġitali hija fenomenu kumpless li jeħtieġ li jiġi trattat anke fil-livell Ewropew sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku, u li l-kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali u reġjonali hija mixtieqa f'dan ir-rigward;
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, jimmonitorjaw u jivvalutaw regolarment l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq il-kwalità, in-numru u t-tip tal-impjiegi, kif ukoll id-domandi għall-ħiliet u l-kwalifiki, u biex jaġġustaw il-politiki relatati skont dan bil-għan li jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema, jiggerantixxu l-kompetizzjoni ġusta u jiżguraw li d-diġitalizzazzjoni tikkontribwixxi biex jogħlew l-istandards soċjali u tax-xogħol; jirrimarka li, minħabba d-diġitalizzazzjoni tal-industrija, id-differenzjali bejn il-ħolqien u t-telf ta' tipi differenti ta' impjiegi jista' jkollu konsegwenzi għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-iskemi tas-sigurtà soċjali, is-sistemi tal-pensjonijiet u s-sistemi tal-assigurazzjoni tal-qgħad tal-Istati Membri; ifakkar li mhux l-impjiegi futuri kollha huma affettwati bl-istess mod mid-diġitalizzazzjoni tal-industrija u li l-importanza tal-interazzjoni umana m'għandhiex tkun sottovalutata;

8. Jinnota l-effetti li mudelli kummerċjali ġodda bbażati fuq it-teknoloġiji diġitali qed ikollhom fuq is-suq tax-xogħol kif ukoll fuq id-domanda għal ħliet diġitali tal-ħaddiema u l-fornituri tas-servizzi; jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni toffri opportunitajiet ta' ripatrijazzjoni tal-manifattura; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżviluppaw strateġiji ta' ripatrijazzjoni tal-manifattura biex jipromwovu t-tkabbir u l-impjiegi fl-Unjoni;
9. Ifakkar fir-riskju li d-diġitalizzazzjoni taggrava d-distribuzzjoni mhux ugwali tal-ġid billi twessa' l-qasma diġitali b'tali mod li tista' tiffred lis-soċjetà, lill-Istati Membri u lir-reġjuni f'dawk li jistgħu jibbenefikaw miż-żieda fil-produttività diġitali u f'dawk li ma jistgħux; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestigaw modi possibbli kif inaqqsu l-inugwaljanzi li jinħolqu permezz tal-awtomatizzazzjoni;
10. Jirrikonoxxi l-opportunitajiet u l-isfidi relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-industrija; jinnota l-effetti pożittivi li għandha d-diġitalizzazzjoni tal-industrija billi żżid l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli li jistgħu jgħallqu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, tiddiversifika l-għażliet permezz tat-telexogħol mobbli, u tippermetti lil persuni minn żoni rurali u mwarrba jidħlu fis-suq tax-xogħol (sakemm ikunu mgħammra bl-infrastruttura meħtieġa), biex b'hekk trawwem it-tkabbir ekonomiku; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li x-xejra mmexxija mid-diġitalizzazzjoni lejn flessibilità akbar tista' tkabbar il-periklu ta' impjieg instabbli u prekarju; jenfasizza li forom ġodda ta' xogħol ma jridux jintużaw biex dak li jkun idur mal-leġiżlazzjoni soċjali u tax-xogħol eżistenti fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u tal-konsumatur; jirrimarka li l-industrija u l-intrapriżi tradizzjonali fl-ekonomija tal-pjattaformi jrid ikollhom kundizzjonijiet indaqs;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru data sabiex jimmonitorjaw u jevalwaw l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq forom ta' impjieg u kundizzjonijiet tax-xogħol, u jieħdu l-inizjattivi meħtieġa sabiex jiċċaraw is-sitwazzjoni legali tal-ħaddiema tal-pjattaformi, b'mod partikolari billi jagħmlu distinzjoni bejn il-ħaddiema li jaħdmu għal rashom u l-impjegati, u jaġġustaw il-leġiżlazzjoni eżistenti, meta jkun meħtieġ, biex jiżguraw li l-impjiegi kollha jkunu koperti sew mil-liġi tax-xogħol; jissottolinja l-fatt li l-ħaddiema kollha għandhom l-istess drittijiet soċjali minqux fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li għandhom jiġu rrispettati, inkluż id-dritt għal moviment liberu, il-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt li jikkonkludu ftehimiet kollettivi u d-dritt li jieħdu azzjoni industrijali; jenfasizza l-ħtieġa ta' ambjent regolatorju u amministrattiv proporzjonat għall-ekonomija tal-pjattaformi li jqis id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet ikkonċernati kollha;
12. Ifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddefiniet il-kunċett ta' "ħaddiem" abbażi ta' relazzjoni tax-xogħol karatterizzata minn ċerti kriterji bħas-subordinazzjoni, ir-remunerazzjoni u n-natura tax-xogħol¹; jappella għal ċertezza tad-dritt dwar x'jikkostitwixxi "impjieg" fis-suq tax-xogħol diġitali sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-liġijiet soċjali u tax-xogħol; jistqarr li l-ħaddiema kollha fl-ekonomija tal-pjattaformi jew huma impjegati jew jaħdmu għal rashom, abbażi tal-primazija tal-fatti, u għandhom jiġu klassifikati skont dan, irrispettivament mis-sitwazzjoni kuntrattwali;
13. Huwa mħasseb dwar id-diverġenzi sinifikanti fil-livell tal-ħliet diġitali tal-ħaddiema fid-diversi Stati Membri u bejniethom; jenfasizza l-ħtieġa li dawn id-disparitajiet jitnaqqsu,

¹ Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea C-596/12, punt 17 u C-232/09, punt 39.

peress li għandhom impatti negattivi fuq l-opportunitajiet ta' żvilupp u fuq is-suq tax-xogħol;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li d-diġitalizzazzjoni tal-industrija u t-tkattir konsegwenti ta' forom ġodda ta' xogħol ma jkunux ta' detriment għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u li jitħallsu l-kontribuzzjonijiet kollha għall-forom kollha ta' xogħol; jinnota li s-soluzzjonijiet diġitali jistgħu jiffaċilitaw il-għbir tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali;
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu lis-sħab soċjali b'mod regolari meta jadattaw il-qafas regolatorju għall-ekonomija diġitali; jistieden lis-sħab soċjali jikkonkludu ftehimiet kollettivi għall-ekonomija tal-pjattaformi;
16. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-aċċess għat-taħriġ fil-ħiliet tas-seklu 21, b'mod partikolari l-ħiliet diġitali, il-ħsieb kritiku, is-soluzzjoni tal-problemi, il-ħidma bħala tim u l-użu tal-big data, sabiex jippermettu parteċipazzjoni ugwali taċ-ċittadini kollha fis-suq uniku diġitali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-kompetenzi trasversali, li jippermettu lill-ħaddiema jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jiżviluppaw sens ta' inizzjattiva u għarfien tagħhom infushom; jenfasizza r-rwol ta' min iħaddem fl-organizzazzjoni u l-finanzjament ta' taħriġ adegwat li jippermetti lill-ħaddiema jtejbu l-ħiliet u l-kwalifiki diġitali tagħhom; jiġbed l-attenzjoni, b'mod partikolari, għall-ħaddiema f'impjiegi li huma friskju li ma jibqgħux jeżistu b'riżultat tad-diġitalizzazzjoni kontinwa tal-industrija;
17. Jenfasizza l-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja għall-ħaddiema kollha fl-era diġitali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-ħaddiema li jtilfu l-impjiegi tagħhom ikollhom aċċess rapidu għat-taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet diġitali, jekk ikunu jridu; jappella għal modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali biex jirriflettu x-xejriet tax-xogħol u tal-karrieri msawra mid-diġitalizzazzjoni;
18. Jenfasizza l-importanza li s-sistemi tal-edukazzjoni jikkorrispondu għall-ħtiġijiet tal-ekonomija diġitali sabiex l-istudenti jingħataw l-għarfien u l-ħiliet rilevanti; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-ħsieb interdixxiplinari fl-iskejjel sabiex jissodisfaw id-domanda tikber għall-ħiliet diġitali u komplementari; jistieden lill-Istati Membri jiffukaw mhux biss fuq it-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, iżda anke fuq it-tneġġiġ tat-tagħlim u l-interess minn età bikrija fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika (STEM), kif ukoll tal-ħiliet intraprenditorjali u personali rilevanti; jenfasizza li jridu jsiru sforzi partikolari biex tingħeleb d-disparità kbira ħafna bejn is-sessi fis-settur tal-ICT; jistieden lill-Istati Membri jinvolvu lis-sħab soċjali kif ukoll lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fl-iżvilupp ta' strateġiji dwar il-ħiliet u programmi ta' taħriġ okkupazzjonali għall-era diġitali;
19. Jinnota li l-ispariġġ fil-ħiliet fl-ekonomija diġitali ma jikkonċernax biss in-nuqqas ta' ħiliet, iżda huwa anke r-riżultat ta' kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol, li jġiegħlu lil uħud mill-ħaddiema bl-aħjar ħiliet jagħżlu li jaħdmu x'imkien ieħor, kif ukoll ta' ġestjoni ħażina tar-riżorsi umani, u dan iwassal biex ma jiġux sfruttati għalkollox il-ħiliet u l-għarfien tal-ġenerazzjoni diġitali;
20. Jilqa' l-inizzjattivi meħuda mill-Kummissjoni bl-għan li jingħelbu n-nuqqasijiet ta' ħaddiema bi kwalifiki għoljin, bħall-Koalizzjoni għall-Ħiliet u għall-Impjiegi Diġitali; jenfasizza li suċċess dejjiemi f'dan il-qasam jista' jinkiseb biss bl-involvement tal-partijiet

ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi s-sħab soċjali, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-NGOs;

21. Jenfasizza li l-ħaddiema mhumiex subordinati għas-sistemi ta' produzzjoni robotizzati jew għall-pjattaformi diġitali, iżda jiżvolgħu rwol importanti fit-tiswir tal-ambjent tax-xogħol tagħhom u tad-diġitalizzazzjoni tal-industrija; għalhekk, jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħa id-dritt ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni fi kwistjonijiet tal-kumpaniji, kif ukoll l-involvement tas-sħab soċjali fil-livelli kollha biex tiġi żgurata tranżizzjoni diġitali ġusta;
22. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati u analizzati kemm l-effetti pożittivi li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-industrija kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali li joħlqu, inklużi r-riskji psikoloġiċi ġodda u l-impatt tal-interazzjoni bejn ir-robots u l-umani, sabiex jittieħdu l-miżuri adatti meta jkun meħtieġ; jissottolinja l-ħtieġa li s-sħab soċjali jkunu involuti f'dan ir-rigward; jirrimarka dwar l-effetti psikoloġiċi u newroloġiċi tad-diġitalizzazzjoni fuq l-impjegati, peress li l-aċċessibbiltà kostanti toħloq riskju ta' problemi tas-saħħa mentali relatati max-xogħol, bħall-eżawriment; għalhekk, huwa favur li l-ħaddiema jkunu intitolati għad-"dritt li jkunu offline" barra l-ħinijiet tax-xogħol miftiehma;
23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-aġenziji tagħha, b'mod partikolari lill-EU-OSHA, biex jeżaminaw l-effetti tad-diġitalizzazzjoni, ir-robotika u l-intelliġenza artifiċjali fuq l-istrapazz mentali, u biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet politiċi meta jkun meħtieġ; jirrimarka dwar l-effetti li s-superviżjoni kostanti bl-użu ta' tekniki diġitali jista' jkollha fuq l-ambjent tax-xogħol u fir-rigward tal-istress fil-post tax-xogħol; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li r-riċerka tindika b'mod ċar li pressjoni u sorveljanza akbar x'aktarx flok ma jqawwu l-prestazzjoni ikatru r-riskji għas-saħħa, l-iżbalji u l-inċidenti¹;
24. Jistieden lill-Istati Membri biex, flimkien mas-sħab soċjali, jibdew konsultazzjonijiet nazzjonali dwar il-futur tax-xogħol u d-diġitalizzazzjoni; jemmen li l-Kummissjoni għandu jkollha rwol ewlieni fit-tixrid u l-koordinazzjoni ta' inizjattivi nazzjonali bħal dawn;
25. Jinnota li l-użu jiżdied ta' teknoloġiji ġodda u mezzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-post tax-xogħol iqajjem mistoqsijiet dwar il-privatezza tal-ħaddiema u l-possibbiltajiet ġodda ta' monitoraġġ u sorveljanza; għalhekk, jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu diskussi u żviluppati oqfsa ta' politika aħjar fir-rigward tal-użu, l-ipproċessar, il-ħażna u l-pussess ta' data relatata mal-impjegati, skont ir-Regolament 2016/679, biex jiġi evitat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u jiġi żgurat li l-ħaddiema jkollhom dritt ta' aċċess għad-data;
26. Jinnota l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni fir-rigward tal-aċċessibbiltà tas-servizzi soċjali u ta' servizzi pubbliċi oħra, kif ukoll tal-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u ta' persuni b'mobbiltà limitata fis-suq tax-xogħol; jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza tat-telexogħol f'dan ir-rigward;
27. Jinnota ż-żieda fix-xogħol tal-pjattaformi u jistenna li dan ikompli jinfirex fis-settur industrijali, minħabba l-possibbiltajiet ta' deċentralizzazzjoni u flessibbiltà li tipprovdi d-

¹ Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol: "Work-related stress and risk assessment. A European campaign on risk assessment" (L-istress relatat max-xogħol u l-valutazzjoni tar-riskju. Kampanja Ewropea dwar il-valutazzjoni tar-riskju); tagħrif miġbur fl-14 ta' Ġunju 2013 minn <https://osha.europa.eu/mt/surveys-and-statistics-osh/esener>.

diġitizzazzjoni; itenni t-tħassib tiegħu dwar l-użu tax-xogħol tal-pjattaformi biex jiġu evitati l-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa u d-drittijiet tal-ħaddiema, inklużi l-pagi minimi, l-obbligi tas-saħħa u s-sikurezza, il-ħinijiet tax-xogħol massimi u d-drittijiet għas-sigurtà soċjali f'xi każijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw qafas li jiżgura li l-ħaddiema tal-pjattaformi jgawdu l-istess drittijiet bħall-ħaddiema fl-ekonomija tradizzjonali, u li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tal-ħlas tat-taxxa u l-kontribuzzjonijiet soċjali tal-individwi u tal-intrapriżi, bl-għan li titħares l-istabbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi u tas-sistemi tas-sigurtà soċjali.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	22.3.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 43 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mara Bizzotto, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Lampros Fountoulis, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Adám Kósa, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Jeroen Lenaers, Javi López, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Joëlle Mélin, Emilian Pavel, João Pimenta Lopes, Georgi Pirinski, Marek Plura, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Robert Rochefort, Maria João Rodrigues, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Yana Toom, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, Georges Bach, Tania González Peñas, Krzysztof Hetman, Marju Lauristin, Alex Mayer, Joachim Schuster, Jasenko Selimovic, Csaba Sógor, Michaela Šojdrová, Neoklis Sylikiotis

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

43	+
ALDE	Enrique Calvet Chambon, Robert Rochefort, Jasenko Selimovic, Yana Toom, Renate Weber
ECR	Anthea McIntyre; Jana Žitňanská
ENF	Dominique Martin, Joëlle Mélin
GUE/NGL	Tania González Peñas, Rina Ronja Kari, Patrick Le Hyaric, Neoklis Sylikiotis
PPE	Georges Bach, David Casa, Krzysztof Hetman, Ádám Kósa, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Thomas Mann, Marek Plura, Sofia Ribeiro, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Michaela Šojdrová, Csaba Sógor, Romana Tomc
S&D	Maria Arena, Ole Christensen, Jan Keller, Marju Lauristin, Javi López, Alex Mayer, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Maria João Rodrigues, Joachim Schuster, Jutta Steinruck, Marita Ulvskog
Verts/ALE	Jean Lambert, Terry Reintke, Tatjana Ždanoka

1	-
NI	Lampros Fountoulis

2	0
ENF	Mara Bizzotto
GUE/NGL	João Pimenta Lopes

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni